**EPILEPSY: A MULTI-DISCIPLINARY APPROACH**
**Is-Sibt, 9 ta' Frar 2008**
**New Dolmen Resort, Qawra**

Eċċellenza, Onorevoli Ministru, Ħbieb,

Merħba u grazzi lil kull min dalgħodu warrab l-impenji tiegħu biex jagħti sehemu f'dan is-Seminar permezz tal-qsim ta' l-esperjenzi u tal-proposti konkreti li ser jitfasslu bil-għan illi jkun hawn titjib fil-kura u rapporti aktar b'saħħithom bejn il-pazjent u l-professjonisti f'dan il-qasam tas-saħħa.

Il-ħajja hija sabiħa, izda mhux faċli, speċjalment għal min iħossu xi ftit imġenneb fis-soċjetà, minħabba illi bil-kundizzjoni li jkollu, ma jkunx jista' jlaħħaq mar-ritmu mgħaġġel tal-ħajja u f'xi waqtiet ma jkunx jista' jissodisfa l-ħtiġijiet essenzjali li jqumu ġo fih. Qed nirreferi għan-nuqqas ta' inklużjoni soċjali.

Nagħraf f'ċirkustanzi bħal dawn is-siwi illi wieħed jemmen fih innifsu u fil-qawwa moħbija li għandu ġo fih, li tgħinu jiffaċċja, b'kuraġġ u b'determinazzjoni, l-isfidi kollha tal-ħajja. Iżda daqshekk ieħor nemmen illi s-servizzi għandhom ikunu dejjem aktar aċċessibli u umanizzati.

Is-suġġett illi ntagħzel għal dan is-Seminar: *A Multi-disciplinary Approach* igħin mhux ftit il-kundizzjoni tal-persuna li tbati bl-epilessija għaliex dan is-Seminar qed jimmira biex il-ħiliet speċjalizzati ta' professjonisti minn oqsma differenti ta' kura jiffukaw fuq il-ħtiġijiet immedjati u fit-tul tal-pazjent bil-għan li tingħatalu kura kontinwa u sostenuta, kif ukoll issaħħaħ ir-rabtiet bejn il-pazjent u l-professjonista.

Tinħass illi hawn klima tajba hawn ġew bejn il-parteċipanti kollha Maltin u barranin. Dan igħin mhux ftit biex jissaħħu r-rabtiet ta' bejnietna u l-impenn tagħna biex intejbu l-kwalità tal-ħajja ta' bosta persuni li għandhom din il-kundizzjoni.

Nixtieq inrodd ħajr, b'mod partikulari, lil Dr. Janet Mifsud - li hija l-ispirazzjoni u l-mutur ta' din l-Assoċjazzjoni - għas-sehem sħiħ tagħha biex din l-Assoċjazzjoni tagħti kontribut siewi mhux biss fuq livell lokali iżda wkoll fuq livell Ewropew. Grazzi mill-qalb u mhux anqas lil Mario u Victoria Dimech u l-Kumitat Organizzattiv għad-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom matul is-sena kollha.

J'Alla l-effetti ta' dan is-Seminar itulu u jkunu ta' fejda għal min jenħtieġ appoġġ sħiħ biex igħix ħajja denja ta' bniedem u biex ma jħossux anqas minn ħaddieħor. Awguri.

**Mons. Victor Grech**
**Direttur, Caritas Malta**